**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2022/2147(INI)**

27.2.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Valutazzjoni tal-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi
(2022/2147(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Max Orville

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jagħti lir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE l-istatus tagħhom,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" (COM(2017)0623),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE" (COM(2022)0198),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali tal-UE u programmi oħra tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 "Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-2 ta' Frar 2021 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tas-sħubija strateġika mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE[3],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tas-27 Konferenza tal-Presidenti tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, li saret fil-Parlament Ewropew fil-15 u fis-16 ta' Novembru 2022,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tas-26 Konferenza tal-Presidenti tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, li saret f'Ponta Delgada bejn is-17 u l-20 ta' Novembru 2021,

– wara li kkunsidra l-politika reġjonali u ta' koeżjoni tal-UE,

– wara li kkunsidra l-istudju dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi ppubblikat mill-Kummissjoni fl-1 ta' Diċembru 2022[4],

---

[1] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 58.
[2] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 18.
[3] ĠU C 37, 2.2.2021, p. 57.
[4] *Study on the impact of the COVID-19 pandemic on the outermost regions (OR): final report* (Studju dwar l-

– wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni komuni tad-19 ta' Jannar 2022 tat-tliet Stati Membri u tad-disa' reġjuni ultraperiferiċi fil-qafas tal-aġġornament tas-sħubija strateġika tal-Kummissjoni Ewropea mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni għal dawn ir-reġjuni[5],

A. billi ħames miljun persuna jgħixu fid-disa' reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea: il-Guyana Franċiża, il-Guadeloupe, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint Martin (Franza), Azores u Madeira (Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja). billi l-indikaturi demografiċi attwali jindikaw tnaqqis drammatiku fil-popolazzjoni fil-maġġornaza tar-reġjuni ultraperiferiċi[6];

B. billi l-UE għandha r-responsabbiltà li twieġeb għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li qed jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi; billi, barra minn hekk, l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni huwa essenzjalment ibbażat fuq l-għażliet u l-azzjonijiet tar-reġjuni nfushom u tal-Istati Membri tagħhom;

C. billi l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma ta' importanza partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż il-kontribut tal-Pilastru għall-opportunitajiet indaqs, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni;

D. billi ir-reġjuni ultraperiferiċi joffru assi kbar lill-UE; billi ħafna mir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom popolazzjoni żagħżugħa, żoni ekonomiċi marittimi estensivi, bijodiversità unika, sorsi ta' enerġija rinnovabbli rikki, post u klima adatti għax-xjenzi spazjali u attivitajiet astrofiżiċi, infrastruttura spazjali sinifikanti u prossimità għal pajjiżi oħra filwaqt li fl-istess ħin jiffaċċjaw fatturi strutturali bħad-distanza tagħhom, l-insularità, id-daqs żgħir, topografija u klima diffiċli, u d-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti[7];

E. billi l-inugwaljanzi huma waħda mill-ikbar sfidi soċjali li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE; billi r-reġjuni ultraperiferiċi kollettivament huma affettwati b'mod sproporzjonat mir-rati għoljin ta' faqar, qgħad u tluq bikri mill-iskola u prodott domestiku gross, li huwa ferm taħt il-medji tal-UE u dawk nazzjonali (60 % fir-reġjuni ultraperiferiċi jekk il-medja tal-EU-27 titqies bħala 100 %)[8]; billi jeżistu sfidi kbar fis-setturi li huma fil-qalba tal-ekonomija tar-reġjuni ultraperiferiċi, jiġifieri s-sajd u l-

impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi: rapport finali) il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

[5] https://www.banquedesterritoires.fr/sites/default/files/2022-01/Document%20de%20position%20commune%20RUP-VF-19janvier2022.pdf.

[6] Il-Guadeloupe, il-Martinique, Reunion, Saint Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji (*Cohesion in Europe towards 2050, Eighth report on economic, social and territorial cohesion* [Koeżjoni fl-Ewropa lejn l-2050, it-tmien rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali]), il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, p. 200, https://ec.europa.eu/regional_policy/information-sources/cohesion-report_en).

[7] L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[8] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Outermost regions at a glance – assets, challenges and opportunities" (Ħarsa lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi – assi, sfidi u opportunitajiet) (SWD(2022)0133) juri li fl-2020 il-PDG PPS għal kull abitant kien ta' 60 % fir-reġjuni ultraperiferiċi. Ara: https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022-glance_en.pdf.

agrikoltura;

F. billi l-inugwaljanzi strutturali li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi huma indirizzati minn politiki li jiddiskriminaw b'mod pożittiv favur dawn ir-reġjuni, li jiżguraw investimenti li jżidu l-kwantità u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi u jiżguraw aċċess universali, li jistimolaw il-produzzjoni u s-swieq lokali u reġjonali, l-infrastruttura tat-teknoloġija, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, u li jtejbu l-konnettività;

G. billi fl-2021 il-proporzjon ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali kienet ta' 37,8 % fil-Gżejjer Kanarji, 27,5 % fl-Azores u 29,2 % f'Madeira[9], figuri li huma ferm ogħla mill-medji tal-UE u tal-Istati Membri;

H. billi l-pjaga tal-vizzju tad-droga tikkontribwixxi għall-esklużjoni soċjali u ekonomika u d-diżimpenn mis-suq tax-xogħol fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll toħloq riskju għas-saħħa taż-żgħażagħ u s-sikurezza tal-popolazzjoni[10];

I. billi l-preżenza ta' qgħad fit-tul fir-reġjuni ultraperiferiċi tista' tiġi spjegata min-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet mal-aspettattivi tas-suq tax-xogħol kif ukoll mill-fatt li l-opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ f'dawn it-territorji huma ftit wisq u mhux xierqa; billi huwa meħtieġ li jiġi żgurat li t-taħriġ ikun adegwat għall-ħtiġijiet tan-negozji fir-reġjuni ultraperiferiċi;

J. billi ż-żgħażagħ mir-reġjuni ultraperiferiċi ta' spiss jeħtieġ li jivvjaġġaw u jiċċaqilqu lejn reġjuni oħra biex jiksbu taħriġ u edukazzjoni speċifiċi; billi n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg fir-reġjuni ultraperiferiċi wassal għal eżodu massiv ta' żgħażagħ, li kellu impatt qawwi fuq id-demografija u l-iżvilupp ta' dawn it-territorji[11]; billi ħafna minn dawk li telqu minn pajjiżhom mhux se jerġgħu lura aktar tard;

K. billi l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fir-reġjuni ultraperiferiċi huwa prerekwiżit għall-kisba ta' tranżizzjoni diġitali li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;

L. billi n-nuqqas ta' infrastruttura u l-livell ta' diġitalizzazzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi ma jippermettux l-użu effettiv ta' tagħlim mill-bogħod, telexogħol jew it-twassil diġitali ta' servizzi pubbliċi relatati mal-impjieg u l-benesseri soċjali;

M. billi r-rati tal-qgħad fir-reġjuni ultraperiferiċi huma ogħla milli fl-Istati Membri rispettivi tagħhom u mill-medja tal-UE; billi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 kompla jaggrava s-sitwazzjoni; billi l-miżuri stabbiliti taffew u llimitaw parzjalment l-effetti tal-kriżi, inkluż l-impatt soċjali tagħha; billi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi għadu mhuwiex magħruf għalkollox;

N. billi l-qgħad fost iż-żgħażagħ jinsab f'livell estremament inkwetanti fir-reġjuni ultraperiferiċi; billi l-medja tal-UE kienet ta' 16,8 % fl-2022, filwaqt li kienet bejn l-40

---

[9] Eurostat 2021: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps11n/default/table?lang=mt

[10] *Relatório anual 2021 – a situação do país em matéria de drogas e toxicodependências*, 2022, p. 20, https://www.sicad.pt/BK/Publicacoes/Lists/SICAD_PUBLICACOES/Attachments/178/RelatorioAnual_2021_%20ASituacaoDoPaisEmMateriaDeDrogasEToxicodependencias.pdf; *Drogues et addictions dans les outre-mer*, OFDT, 2020, p. 48, http://www.ofdt.fr/BDD/publications/docs/epfxio2a6.pdf.

[11] COM(2022)0198, p. 2.

sal-50 % fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u Spanjoli*[12]*; billi din is-sitwazzjoni soċjali li qed tiddeterjora wasslet għal nuqqas ta' sigurtà u vjolenza fir-reġjuni ultraperiferiċi;

O. billi l-għadd ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) jinsab f'livell allarmanti fir-reġjuni ultraperiferiċi (22 % meta mqabbla mal-11 % fl-EU-27)[13]; billi l-medja tal-UE għal NEETs kienet ta' 13,7 % fl-2020, fl-istess sena r-rata tan-NEETs kienet ta' 23 % f'Martinique, 40 % fil-Guyana Franċiża, 23,2 % fil-Gżejjer Kanarji, u 16,7 % f'Madeira*[14]*;

P. billi l-għadd ta' każijiet ta' tluq kmieni mill-iskola fir-reġjuni ultraperiferiċi huwa ogħla mill-medja tal-UE*[15]*; billi dan il-fenomenu ta' tħassib għandu impatt qawwi fuq l-iżvilupp soċjali, it-tkabbir ekonomiku u l-opportunitajiet indaqs f'dawn it-territorji, u qiegħed pressjoni fuq dawn ir-reġjuni;

Q. billi l-allokazzjonijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għall-perjodu 2014-2020 ma ntużawx bis-sħiħ fir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li dan il-perjodu ta' programmazzjoni qed jintemm;

R. billi 28 500 persuna biss mir-reġjuni ultraperiferiċi bbenefikaw mill-mobilità fl-ambitu tal-programm Erasmus+ matul il-perjodu 2014-2020;

S. billi n-nuqqas ta' faċilitajiet tat-trasport pubbliku fir-reġjuni ultraperiferiċi għandu impatt fuq l-aċċess għas-servizzi, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' impjieg;

T. billi l-aċċess għal servizzi essenzjali bħall-ilma tax-xorb, l-akkomodazzjoni deċenti, l-elettriku, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, it-trasport pubbliku u l-internet mhuwiex realtà għall-abitanti kollha tar-reġjuni ultraperiferiċi;

U. billi r-rata ta' impjieg tan-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi hija ferm inqas mill-medja tal-UE u dik nazzjonali (47 % meta mqabbla mat-62 % fl-EU-27)*[16]*; billi n-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi ħafna drabi jħabbtu wiċċhom ma' impjiegi instabbli u għal żmien qasir; billi l-qgħad fost in-nisa huwa ogħla mill-qagħad fost l-irġiel fir-reġjuni ultraperiferiċi kollha ħlief f'Réunion[17];

1. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-komunikazzjoni l-ġdida dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi[18], b'mod partikolari l-aspetti relatati ma' kwistjonijiet soċjali; iqis li din il-

---

[12] COM(2022)0198, p.8: https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022_en.pdf.

[13] SWD(2022)0133, https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022-glance_en.pdf.

[14] *Study on the impact of the COVID-19 pandemic on the outermost regions ORs: final report*, (Studju dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi: rapport finali) p. 9: https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/2216604f-7420-11ec-9136-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-278731027.

[15] Eurostat 2021: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/edat_lfse_16/default/table?lang=en.

[16] SWD(2022)0133 ta' Mejju 2022 juri r-rati ta' impjieg fost in-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi meta mqabbla mal-livelli medji Ewropej. https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022-glance_en.pdf.

[17] https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022_en.pdf, p. 5.

[18] COM(2022)0198.

komunikazzjoni tirrappreżenta opportunità għar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari għal kwistjonijiet relatati mal-impjiegi; jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-indikaturi relatati mal-politiki soċjali, b'mod partikolari dawk dwar it-tnaqqis tal-qgħad, għandhom ikunu parti integrali minn dan il-monitoraġġ; iqis li l-komunikazzjoni għandha tippermetti t-titjib tal-opportunitajiet indaqs fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati;

2. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-Fondi Strutturali u ta' Investiment u sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE mmirati lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll toħloq strumenti ġodda u tħeġġeġ politiki pubbliċi li jippromwovu l-impjiegi u r-reazzjonijiet soċjali inklużivi, b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi;

3. Jisħaq fuq il-fatt li l-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, trid tippermetti li l-azzjoni tal-Unjoni tiġi aġġustata legalment sabiex dawn it-territorji jingħataw opportunitajiet reali f'termini ta' edukazzjoni, impjieg, progress soċjali u kundizzjonijiet tal-għajxien;

4. Jisħaq fuq il-fatt li l-ħolqien tal-impjiegi jibqa' essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà, il-koeżjoni soċjali, il-vijabilità territorjali u l-attraenza tar-reġjuni ultraperiferiċi; jinnota li r-restrizzjonijiet strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi, bħad-distanza ġeografika u l-iżolament, jagħmluhom dipendenti fuq numru limitat ta' setturi ta' attività; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu lir-reġjuni ultraperiferiċi jiżviluppaw pjanijiet għad-diversifikazzjoni ta' attivitajiet sabiex itejbu l-provvista tax-xogħol f'dawn it-territorji;

5. Huwa tal-fehma li l-intraprenditorija tista' toħloq opportunitajiet ta' impjieg fir-reġjuni ultraperiferiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni dwar l-għażliet u l-miżuri ta' appoġġ biex jgħinu l-istabbiliment ta' attivitajiet fir-reġjuni ultraperiferiċi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-kawżi ewlenin tat-tluq bikri mill-iskola fir-reġjuni ultraperiferiċi u jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajba sabiex jipprovdu soluzzjonijiet konkreti għal din il-problema;

7. Jirrimarka li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jista' jagħmel l-impjiegi aktar attraenti u jiġġieled kontra n-nuqqas ta' impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi; jilqa', f'dan il-kuntest, l-istrateġija Ewropea għall-kura, li tista' tiggwida b'mod utli l-politiki pubbliċi li għandhom jiġu implimentati fir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex tiġi indukrata l-popolazzjoni li qed tixjieħ;

8. Jisħaq fuq il-fatt li l-ekonomija informali hija mifruxa fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jagħmilha diffiċli biex jiġu analizzati b'mod preċiż iċ-ċifri tal-impjieg u biex il-politiki soċjali jiġu implimentati b'mod effettiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat, pereżempju permezz ta' sistemi ta' inċentivi u għodod simplifikati ta' dikjarazzjoni;

9. Jisħaq fuq il-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija kruċjali għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fir-reġjuni ultraperiferiċi u biex jinkiser iċ-

ċirku vizzjuż tal-faqar interġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jinkludu miżuri speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal u r-reviżjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-potenzjal sħiħ ta' dan l-istrument billi tiżgura t-tixrid ta' informazzjoni flimkien mal-partijiet ikkonċernati lokali;

10. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu s-servizzi pubbliċi fir-reġjuni ultraperiferiċi, permezz ta' kooperazzjoni reġjonali msaħħa, diversifikazzjoni ekonomika, investimenti fir-R&Ż u d-diġitalizzazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali msaħħa, opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u politiki attivi tas-suq tax-xogħol, biex jiġu indirizzati l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari (45,82 % meta mqabbel ma' 16,8 % fl-EU-27)[19];

11. Jafferma mill-ġdid li fir-reġjuni ultraperiferiċi l-potenzjal taż-żgħażagħ huwa assi ewlieni li spiss ma jkunx sfruttat biżżejjed; ifakkar fil-ħtieġa li r-reġjuni ultraperiferiċi jagħtu s-setgħa liż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, biex itejbu l-impjegabbiltà permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ vokazzjonali; jisħaq fuq l-importanza ta' programmi għall-validazzjoni tal-esperjenza miksuba fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja;

12. Jitlob li ż-żgħażagħ mir-reġjuni ultraperiferiċi jipparteċipaw aktar fil-ħidma volontarja u fil-proġetti ta' solidarjetà lokali li saru possibbli mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

13. Jisħaq li s-sitwazzjoni soċjali taż-żgħażagħ hija ta' tħassib ċentrali fir-reġjuni ultraperiferiċi; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tiġi implimentata kif suppost fir-reġjuni ultraperiferiċi; jemmen li evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-garanzija hija meħtieġa f'dawn it-territorji, inkluża valutazzjoni tal-ostakli eżistenti għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari rigward l-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-impjieg taż-żgħażagħ fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari billi jaħdmu mal-partijiet ikkonċernati lokali, inkluż mas-settur privat, l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, biex jiġu stabbiliti punti uniċi ta' servizz diġitali sabiex jiġu megħjuna ż-żgħażagħ li jkunu qed ifittxu impjieg jew li jkunu jridu jistabbilixxu jew jibdew imexxu negozju; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li ir-reġjuni ultraperiferiċi jkunu attraenti, jiġu offruti opportunitajiet ta' impjieg fis-setturi differenti tal-ekonomija biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha n-nies, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, jitilqu u għall-prevenzjoni tad-depopolazzjoni ta' dawn iż-żoni;

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitfasslu strateġiji biex iż-żgħażagħ jibqgħu fir-reġjuni ultraperiferiċi u biex jikkumbattu l-eżodu ta' mħuħ; jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni

[19] SWD(2022)0133 ta' Mejju 2022 jipprovdi paragun bejn ir-rati ta' impjieg taż-żgħażagħ fir-reġjuni ultraperiferiċi meta mqabbla mal-livell medju tal-EU-27. https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/rup-2022/comm-rup-2022-glance_en.pdf

tal-Ewropa"[20] u jenfasizza r-rilevanza partikolari tagħha għar-reġjuni ultraperiferiċi;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema u l-familji tagħhom involuti fil-produzzjoni agrikola; jemmen li huwa meħtieġ li jiġu salvagwardjati l-prodotti agrikoli tar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li tiġi difiża u promossa l-kwalità għolja tagħhom, kif ukoll li jiġi ffaċilitat il-bejgħ tagħhom;

17. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni soċjali, ekonomika u politika tan-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi billi jiġi promoss l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità għolja, inkluż il-paga ugwali u r-remunerazzjoni ġusta; jisħaq fuq l-importanza ta' indukrar tat-tfal bi prezz raġonevoli, kif ukoll tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju sesswali, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol sabiex tingħata spinta lir-rati tal-impjieg;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw l-aċċess għas-servizzi essenzjali fir-reġjuni ultraperiferiċi; jisħaq li l-aċċess għal dawn is-servizzi huwa fattur ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jisħaq li politiki pubbliċi effettivi jridu joffru soluzzjonijiet lil dawk l-aktar vulnerabbli bl-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-prevenzjoni, ir-riintegrazzjoni soċjali u r-ritorn għall-impjiegi fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar id-drogi; jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-possibbiltajiet ta' finanzjament Ewropew għaċ-ċentri terapewtiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi li għandhom fil-mira tagħhom il-kura u r-riabilitazzjoni ta' persuni bil-vizzju tad-droga u r-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; iwissi li nstabu vizzji ġodda fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari ż-żieda fl-użu tad-droga sintetika, li toħloq riskji serji għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ, li jistħoqqilha attenzjoni speċjali[21];

20. Jisħaq li l-inċentivi għall-impjiegi huma utli għat-titjib tal-integrazzjoni u ż-żamma ta' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol fir-reġjuni ultraperiferiċi; jemmen li inċentivi ta' impjieg bħal dawn għandhom iqisu l-ħtiġijiet fit-tul u s-sostenibbiltà;

21. Jisħaq li l-miżuri ta' appoġġ ekonomiku u tas-suq tax-xogħol b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, bħal li ttaffa r-reġim tal-għajnuna mill-Istat, l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) u l-pakketti tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u CRII+ ipprevenew milli jkun hemm aktar telf ta' impjiegi; jisħaq li hemm bżonn ta' evalwazzjoni bir-reqqa tal-politiki nazzjonali u l-programmi ta' appoġġ li ġew implimentati fir-reġjuni ultraperiferiċi biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-impjiegi, sabiex jiġu identifikati strumenti effettivi għal użu kontinwu u futur;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-valutazzjoni, it-tiġdid u -

[20] COM(2023)0032, 17 ta' Jannar 2023.
[21] *Relatório anual 2021 – a situação do país em matéria de drogas e toxicodependências*, 2022, p. 20, https://www.sicad.pt/BK/Publicacoes/Lists/SICAD_PUBLICACOES/Attachments/178/RelatorioAnual_2021_%20ASituacaoDoPaisEmMateriaDeDrogasEToxicodependencias.pdf.

adattament ta' żoni ekonomiċi speċjali eżistenti sabiex tippromwovi l-irkupru ekonomiku u soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari għall-aktar setturi fraġli u promettenti, filwaqt li tissalvagwardja kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti u r-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali applikabbli; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-reġjuni ultraperiferiċi l-oħra jistgħux jibbenefikaw minn żoni ekonomiċi speċjali, kif ukoll mill-impatt ekonomiku, soċjali, ambjentali u fiskali relatat u tiffaċilita l-istabbiliment tagħhom meta xieraq; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata spinta lis-swieq lokali, il-produzzjoni ta' prodotti lokali, is-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż it-turiżmu, u l-kapaċità li titrawwem l-innovazzjoni ekonomika, pereżempju rigward l-enerġiji rinnovabbli;

23. Jisħaq fuq l-importanza tal-FSE+ fir-reġjuni ultraperiferiċi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni ultraperiferiċi jtejbu l-aċċess għall-FSE+ fir-reġjuni ultraperiferiċi billi jistabbilixxu kampanji ta' informazzjoni, jippromwovu l-iskambju ta' prattiki tajbin, iżidu l-kofinanzjament tal-UE, jipprovdu servizz ta' appoġġ għall-mexxejja tal-proġetti u jiffinanzjaw it-taħriġ għall-awtoritajiet ta' ġestjoni sabiex isaħħu l-kapaċità umana u amministrattiva tagħhom u billi jipprovdulhom iżjed finanzjament tal-UE biex jiffaċilitaw il-prefinanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas il-piż amministrattiv għall-applikanti;

24. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki tal-UE jridu jiġu kkomplementati minn finanzjament adegwat ibbażat fuq approċċ imfassal apposta u abbażi ta' territorju b'territorju sabiex jiġi żgurat li n-nies ikollhom opportunitajiet indaqs u li ir-reġjuni ultraperiferiċi jkunu jistgħu jieħdu benefiċċju sħiħ minn inizjattivi tal-UE; jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi ta' kwalità, l-edukazzjoni, il-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, u l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' ammont ta' EUR 370 miljun addizzjonali JEW allokat fl-ambitu tal-FSE+ 2021-2027;

25. Jenfasizza li l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, huma strument importanti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw miżuri mmirati lejn gruppi żvantaġġati u b'livell baxx ta' ħiliet fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari n-NEETs, b'enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ li jippermettu żvilupp ulterjuri tal-ħiliet; jistieden lill-Istati Membri kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kkonċernati jiżguraw id-diversifikazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ offerti f'konformità mal-bżonnijiet tar-reġjuni u l-popolazzjonijiet tagħhom, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet indaqs billi jsaħħu il-miżuri għall-ġlieda kontra l-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż permezz tat-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja u miżuri oħra ffukati fuq l-iżvilupp professjonali;

26. Jinnota li hemm spariġġ fil-ħiliet fir-reġjuni ultraperiferiċi; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex l-2023 issir is-Sena Ewropea tal-Ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa azzjonijiet speċifiċi għall-benefiċċju tar-reġjuni ultraperiferiċi, bħal li tidentifika l-ħtiġijiet tal-ħiliet fir-reġjuni ultraperiferiċi fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil;

27. Jilqa' l-ħolqien tal-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA) għall-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ żvantaġġati; jisħaq li din l-inizjattiva hija ta' interess partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn hemm ħafna NEETs; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din l-inizjattiva tkun akkumpanjata minn riżorsi finanzjarji adegwati li jiżguraw l-akbar numru possibbli ta' benefiċjarji; jemmen li għandha tittieħed azzjoni pożittiva biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ mir-reġjuni ultraperiferiċi;

28. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment fil-ħiliet diġitali, fl-infrastruttura, fil-konnettività u fit-tagħmir diġitali, biex tiġi żgurata tranżizzjoni diġitali inklużiva fir-reġjuni ultraperiferiċi; jemmen li d-diġitalizzazzjoni hija waħda mill-modi li bihom ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jegħlbu l-ostakli ġeografiċi tagħhom u jżidu l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ jew is-servizzi pubbliċi diġitali; jenfasizza l-potenzjal li r-reġjuni ultraperiferiċi jsiru destinazzjoni attraenti għat-teleħaddiema internazzjonali;

29. Jinnota li l-ibħra u l-oċeani fil-madwar tar-reġjuni ultraperiferiċi jirrappreżentaw opportunità biex jiġu żviluppati setturi li jipprovdu impjiegi blu u jikkontribwixxu għall-attraenza tat-territorji; ifakkar fit-tixjiħ tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi; jisħaq fuq ir-rwol tas-setturi ekonomiċi ewlenin għaż-żamma tal-impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari l-agrikoltura, is-sajd, it-turiżmu u l-forestrija; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu attirati f'dawn is-setturi, kif ukoll f'setturi oħra li għandhom il-potenzjal li jsiru xprunaturi ekonomiċi f'dawn ir-reġjuni;

30. jisħaq ukoll li huwa fundamentali li l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), b'mod partikolari, għandu jkompli jappoġġja l-finanzjament u l-iżvilupp tal-ekonomiji lokali, u b'hekk ikun possibbli li jinżammu l-impjiegi f'dawn it-territorji; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u tappoġġja inizjattivi biex jinħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiema tas-setturi agrikoli u tas-sajd u tiżgura tiġdid ġenerazzjonali aħjar;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiskambja l-aħjar prattiki bil-għan li żżid l-attraenza ta' dawk is-setturi peress li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel f'dawn ir-reġjuni; jisħaq fuq il-fatt li l-għajnuna għall-installazzjoni f'dawn is-setturi hija rilevanti biex jintlaħaq dan l-objettiv; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ qawwi lir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jiġi promoss mudell ekonomiku sostenibbli ġdid u tiġi żviluppata l-ekonomija soċjali, permezz ta' inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-impjiegi u ta' impjiegi "ekoloġiċi" ġodda;

32. Jenfasizza li l-ekonomiji tar-reġjuni ultraperiferiċi jiddependu ħafna fuq is-setturi tat-turiżmu u tat-trasport, li ntlaqtu serjament mill-pandemija tal-COVID-19; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kkonċernati jaħdmu flimkien biex jiżguraw bl-aħjar mod l-irkupru soċjoekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jqisu l-isfidi bħaż-żieda fil-prezzijiet minħabba l-inflazzjoni u t-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista;

33. Jisħaq li ir-reġjuni ultraperiferiċi huma partikolarment suxxettibbli għall-kriżijiet ekonomiċi, bħall-kriżi li tirriżulta miż-żieda attwali fl-inflazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi strumenti li jikkumpensaw għall-effetti tal-kriżijiet fuq il-popolazzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż billi tikkontrolla l-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel u tal-enerġija, u b'hekk tiġġieled kontra l-emerġenza ta' żoni ġodda ta'

faqar u esklużjoni;

34. Itenni l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi f'kull ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew u li dawk il-karatteristiċi jiġu riflessi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-Portugall, Spanja u Franza;

35. Jisħaq li ir-reġjuni ultraperiferiċi huma partikolarment suxxettibbli għall-effetti ta' avvenimenti estremi tat-temp li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, u dan jaffettwa b'mod partikolari kemm lill-popolazzjonijiet kif ukoll lill-produzzjoni lokali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura mekkaniżmi ta' rispons aktar rapidi, inkluż permezz tal-Fond ta' Solidarjetà;

36. Jenfasizza d-disparitajiet li jeżistu anke bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi, li wħud minnhom għadhom ma setgħux jipprovdu lill-popolazzjonijiet tagħhom aċċess għal sanità bażika u ilma tax-xorb; jirrimarka, barra minn hekk, li ħafna mill-aktar persuni iżolati f'dawn ir-reġjuni ma għandhomx kopertura tal-internet broadband tajba jew saħansitra aċċess għall-internet broadband;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-komunikazzjoni tagħha fir-reġjuni ultraperiferiċi dwar il-programmi eżistenti tal-UE relatati mal-impjieg u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll il-preżenza tagħha fuq il-post billi twaqqaf uffiċċji fiżiċi;

38. Jenfasizza n-nuqqas ta' ħaddiema fis-setturi fundamentali għar-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żieda fil-prezzijiet tal-materjali, li jagħmluha diffiċli li jitwettqu proġetti strutturali għal dawn ir-reġjuni;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu sħubijiet universitarji sabiex iħeġġu l-mobilità tal-istudenti lejn u mir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll l-iskambji bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi nfushom;

40. Jilqa' l-fatt li l-programm Erasmus+ 2021–2027 jispeċifika li jridu jitqiesu r-restrizzjonijiet marbuta mad-distanza tar-reġjuni ultraperiferiċi; jinnota, madankollu, li l-għajnuna finanzjarja mogħtija spiss ma tkunx biżżejjed biex tħeġġeġ il-mobilità; jitlob li meta jiġi implimentat il-programm Erasmus+, jingħata l-akbar ammont possibbli lill-istudenti mir-reġjuni ultraperiferiċi, u jekk ikun hemm bżonn jiżdied il-finanzjament biex jiġu koperti l-ispejjeż reali tal-ivvjaġġar;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sħubijiet ma' pajjiżi terzi ġirien tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-qafas tal-programm Erasmus+ sabiex tkompli tippromwovi l-iskambji universitarji u l-iskambji kummerċjali fiż-żona ġeografika tar-reġjuni ultraperiferiċi;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li, fl-ambitu tal-programm Erasmus+, jinħolqu skambji ta' żgħażagħ fit-taħriġ vokazzjonali sabiex il-kumpaniji fir-reġjuni ultraperiferiċi u fl-Ewropa kontinentali jkunu jistgħu jibagħtu u jirċievu persuna matul l-istess perjodu;

43. Jappoġġja l-promozzjoni ta' miżuri ta' tixjiħ attiv f'dawn ir-reġjuni, bħat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni għall-azzjonijiet "sportivi" tal-programm Erasmus+ biex jiġu inklużi inizjattivi li jippromwovu l-attività fiżika għall-anzjani u l-attivitajiet sportivi interġenerazzjonali; jappoġġja, barra minn hekk, bħala parti minn approċċ ta' tagħlim tul

il-ħajja, inċentivi biex jitwaqqaf network Ewropew ta' universitajiet tat-terza età fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'għodod ta' tagħlim speċifiċi u aċċess għall-informazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-iskambji tal-istudenti;

44. Itenni l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa sabiex jitnaqqsu d-disparitajiet fis-servizzi tas-saħħa;

45. Jirrimarka li fl-UE, għad hemm inugwaljanzi sinifikanti fis-settur tas-saħħa fl-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kanċer; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati l-abitanti ta' dawn ir-reġjuni, u li jingħataw attenzjoni speċjali, sabiex jiġi żgurat li jkollhom aċċess xieraq għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kanċer, billi jitħeġġeġ u jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' politiki pubbliċi bħala parti mill-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer;

46. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jippromwovu u jappoġġjaw l-istabbiliment ta' għalliema, b'mod partikolari fid-dixxiplini tax-xjenza, t-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), li huma importanti biex jakkumpanjaw it-tranżizzjonijiet doppji, jiżguraw il-litteriżmu f'dawn l-oqsma u jistimulaw l-interess taż-żgħażagħ fihom;

47. Jisħaq fuq l-importanza li l-canteens tal-iskola jiżguraw li t-tfal fir-reġjuni ultraperiferiċi jirċievu nutrizzjoni xierqa, u f'ħafna każijiet, jiġi żgurat li jkollhom ikliet regolari; jafferma mill-ġdid, għaldaqstant, l-importanza tal-iskema tal-UE tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel, li għandha tqis il-vulnerabbiltà ta' dawn ir-reġjuni; jitlob, b'mod partikolari, li l-pjanijiet nazzjonali jiġu adattati biex jirrispondu aħjar għal dawn il-ħtiġijiet;

48. Jirrimarka r-riskju tal-faqar enerġetiku għall-familji fir-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u fil-prezzijiet tal-enerġija; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis din is-sitwazzjoni fl-għodod u l-miżuri straordinarji kollha li tista' toħloq biex tiżgura aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija;

49. Jinnota li xi wħud mir-reġjuni ultraperiferiċi qed jiffaċċjaw eżodu enormi ta' gradwati żgħażagħ lejn il-kontinent minħabba d-distanza, in-nuqqas ta' infrastruttura u n-nuqqas ta' opportunitajiet fis-suq tax-xogħol lokali; jistieden lir-reġjuni ultraperiferiċi jiżviluppaw strateġiji speċifiċi mmirati biex jattiraw liż-żgħażagħ mir-reġjuni ultraperiferiċi biex jirritornaw f'dawn it-territorji;

50. Jisħaq li t-tixjiħ tal-popolazzjoni, iż-żieda fl-istennija tal-għomor medja u t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, minkejja l-għadd ta' żgħażagħ, huma wkoll fatturi ta' tħassib fir-reġjuni ultraperiferiċi, mhux biss minħabba li jwasslu għal tnaqqis fil-forza tax-xogħol u pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tas-sigurtà soċjali, iżda wkoll minħabba l-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini sħabna jgawdu awtonomija u tmiem tal-ħajja dinjituż;

51. Jisħaq fuq l-importanza tan-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) u jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-ħtiġijiet prijoritarji tas-suq tax-xogħol fl-attivitajiet tal-EURES, sabiex jgħin lill-persuni qiegħda jerġgħu jsibu impjieg u jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi;

52. Jirrimarka li għad hemm ħtieġa konsiderevoli għal akkomodazzjoni soċjali fir-reġjuni

ultraperiferiċi, li l-infrastruttura tagħha għandha tissodisfa wkoll sensiela ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà, f'konformità mal-miri għall-kisba tan-newtralità klimatika; huwa tal-fehma li tali rekwiżiti la għandhom ifixklu l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u lanqas ifixklu l-ġustizzja soċjali f'dawn ir-reġjuni, u għalhekk hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE u tal-awtoritajiet reġjonali li jinkoraġġixxu l-ħolqien tal-istrumenti meħtieġa u jipprovduhom;

53. Jesprimi dispjaċir għas-solidarjetà interġenerazzjonali qawwija fir-reġjuni ultraperiferiċi naqset; jemmen li din ir-rabta interġenerazzjonali tista' tissaħħaħ billi jinħolqu programmi ta' mentoring sabiex jissaħħu l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-appoġġ individwalizzat għaż-żgħażagħ u għal dawk li qed ifittxu impjieg;

54. Jisħaq li l-mobilità regolari, sikura u aċċessibbli għall-persuni fir-reġjuni ultraperiferiċi hija wkoll miżura ta' koeżjoni soċjali li tipprovdi aċċess għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg, edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-kura tas-saħħa; itenni, għalhekk, il-ħtieġa ta' politika Ewropea u nazzjonali tat-trasport li tippermetti li jintlaħaq dan l-objettiv u, b'mod partikolari, programm speċifiku għat-trasport f'dawn ir-reġjuni;

55. Jinnota li ir-reġjuni ultraperiferiċi ikunu territorji adatti biex jiġu żviluppati politiki soċjali innovattivi bħal "triq tat-tielet opportunità" mmirata lejn ir-riintegrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu ta' kull età jew il-kura tal-anzjani fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni;

56. Jenfasizza r-rwol importanti li tiżvolġi l-ekonomija soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi, bħala sieħeb tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-ġlieda kontra r-restrizzjonijiet marbuta mad-distanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u fil-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ta' inizjattivi f'dawn ir-reġjuni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-parteċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fin-network tar-Reġjuni Ewropej tal-Ekonomija Soċjali;

57. Jappoġġja l-ħolqien ta' proġett pilota għal programm tal-UE simplifikat u b'aċċess dirett immirat lejn istituzzjonijiet privati ta' appoġġ soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'linji ta' finanzjament mhux ripagabbli għal proġetti fuq skala żgħira, appoġġ għat-taħriġ tal-persunal tekniku u awżiljarju fl-oqsma differenti ta' intervent, kofinanzjament għal proġetti fuq skala kbira li jinvolvu sħubijiet transfruntiera u appoġġ għal inizjattivi biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodod tas-Semestru Ewropew u mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex tanalizza u tagħti pariri dwar il-politiki pubbliċi fir-reġjuni ultraperiferiċi bl-għan li tinkiseb konverġenza soċjali 'l fuq;

59. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza summit soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi biex tiddiskuti u timplimenta l-miri ta' Porto u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'dawn it-territorji; jisħaq fuq l-importanza li jiġu inklużi partijiet ikkonċernati mir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jiġu żgurati s-sjieda u l-implimentazzjoni xierqa tal-politiki soċjali;

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 6.2.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 35<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Sara Matthieu, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Carmen Avram, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Véronique Trillet-Lenoir, Kim Van Sparrentak |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Franc Bogovič, Vlad Gheorghe |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 35 | + |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde |
| PPE | Franc Bogovič, Jarosław Duda, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Dennis Radtke |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Samira Rafaela, Véronique Trillet-Lenoir |
| S&D | João Albuquerque, Carmen Avram, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Evelyn Regner, Daniela Rondinelli, Marianne Vind |
| The Left | Leila Chaibi, Nikolaj Villumsen |
| Verts/ALE | Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri, Kim Van Sparrentak |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | Elżbieta Rafalska |
| ID | Guido Reil |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni